TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 126/10

**Frans Xuereb**

**vs**

**John Farrugia**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Marzu, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet elef, erba' mija u erbgħa w disgħin ewro u sitt ċenteżmi (€3,494.06) rappreżentanti tmien bibien tal-injam (African walnut), li wara li twaħħlu, ħarġu diversi difetti, li l-injam beda jinqasam u nħolqu xquq orizzontali bejn l-injam fil-bibien kollha.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna tmien bibien tal-african walnut u li ġew imwaħħla mill-intimat. Wara ftit l-injam beda jinqasam u bdew ħerġin xi difetti. Minkejja li l-intimat beda jsewwihom, xorta bdew jinqasmu. Ir-rikorrenti allega li l-injam ma kienx nixef u li għalhekk bdew joħorġu dawn difetti u minkejja li kien aċċetta li jerġa' jsewwihom, beda jieħu ħafna ħin sabiex jerġgħu jissewwew.

L-intimat issottometta li l-problema nħolqot minħabba l-ambjent tal-penthouse li kienet diżabitata u li ma kien hemm ebda protezzjoni kontra l-umdita', tant li beda jitrabba xi moffa u ssuġġerielu wkoll illi l-bibien isiru b'mod differenti.

Minħabba n-natura teknika, t-Tribunal qabbad espert lis-Sur Vincent Ciliberti, sabiex jagħtih parir fuq dan il-każ fejn ikkonkluda li dawn il-bibien stegħu jittranġaw u li r-rikorrenti ma kienx lest illi jistenna ż-żmien sabiex jitranġaw għaliex l-intimat kien sejjer l-Awstralja.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi verament kienu qegħdin jiġu rranġati l-bibien, kif ukoll huwa l-fatt illi l-post kien magħluq u jkun hemm ċertu umdita', pero' jibqa' l-fatt illi d-dewmien sabiex jitranġaw dawn il-bibien kien se jkun xi ftit twil.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

It-Tribunal jinnota li peress illi dawn il-bibien setgħu jitranġaw u m'hemmx ftehim bejn il-partijiet, għalhekk jordna li minflok jirranġhom l-intimat, jirranġhom terza persuna a spejjeż tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, u kif ukoll l-ispejjeż tal-espert tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**